# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Rikors Numru: 217/15 CSH**

**WasteServ Malta Ltd (C30560)**

**Vs**

**Raymond Galea**

**Illum 18 ta' Novembru, 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Lulju, 2015 mis-socjeta' WasteServ Malta Ltd. fejn l-istess socjeta' tablet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tmint elef sebgha mija w tlieta w hamsin Ewro w tmienja w sittin centezmu (€8753.68), liema somma tirrapprezenta bilanc minnu dovut ghal servizz ta' rimi u depozitu ta' skart u materjal fil-facilitajiet immexxija mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall Carmen Cutajar datata 5 ta' Awissu, 2015 fejn thalliet kopja tar-rikors fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 4 tergo).

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2015 din il-kawza kienet thalliet ghall-probabbli tranzazzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2015 is-socjeta' attrici pprezentat nota li permezz taghha l-ammont mitlub fir-rikors promotur gie ridott ghal sebat elef hames mija w tliet Ewro u tmienja w sittin centezmu (€7503.68).

Rat ukoll illi fl-istess seduta tal-11 ta' Novembru 2015 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-11 ta' Novembru 2015.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, il-konvenut ma deherx sabiex iwiegeb ghas-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu kif ridott ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' WasteServ Malta Limited is-somma ridotta ta' sebat elef hames mija w tliet Ewro w tmienja w sittin centezmu (€7503.68) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**